MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 235/2011

**Alfred Griscti**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti twieled nhar l-1 ta' Novembru 1936, ġewwa l-Furjana, minn Francis Griscti u Mary nee' Camoin mart l-istess Francis Griscti.

2. Illi l-att ta' twelid tar-rikorrenti li għandu n-numru tal-iskrizzjoni sebgħa ħamsa tlieta wieħed tas-sena elf disa' mija u sitta u tletin (7531/1936) (Dok A) jikkontjeni żball fis-sens illi kunjom missieru ġie erronjament indikat

bħala “Grixti” mentri dan il-kunjom kellu jiġi nidikat bħala “Griscti” u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ta’ missieru Francis Griscti (kopja annessa u mmarkata Dok B), liema ċertifikat ukoll jindika kunjom missier missieru korrettament bħala Carmelo Griscti.

3. Illi dan qed jikkreja numru ta’ problemi lir-rikorrenti u għalhekk jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex jiġi rettifikat l-iżball li sar fl-att ta’ twelid su-riferit.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba sabiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna inkluż billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni ta’ avviż *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, jogħġobha:

1. Tordna lill-konvenut jikkoreġi l-iżball imsemmi fl-Att tat-twellid tar-rikorrenti bin-numru tal-iskrizzjoni sebgħa ħamsa tlieta wieħed tas-sena elf disa’ mija u sitta u tletin (7531/1936), fis-sens li kull fejn jidher il-kunjom “Grixti” jiġi mħassar u minflok jitniżżel il-kunjom “Griscti”.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-18 ta’ April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta’ kunjom ir-rikorrenti minn “Grixti” għal “ Griscti”, salv pero’ li huwa m’għandux jinżamm responsabbli ta’ din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-

rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 7531/1936 u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid (Dok A), u ċjoe' s-sena 1936, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kien proprju missier ir-rikorrenti Francis li kien iddikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżel fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

3. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi allokat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-atturi u semgħet lill-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-kunjom tal-attur għandu jitniżżel bħala "Griscti" u mhux "Grixti" kif erronjament indikat u kwindi t-talba hija ġustifikata. Ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------